MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Numru. 554/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**JONATHAN CASSAR ta’ 26 sena, iben Anthony u Vincenza nee’ Abdilla, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-26.01.1984, residenti fil-fond numru 38, Triq Pirinej, Qrendi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 98084M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **JONATHAN CASSAR** li gie akkuzat talli fi Dragonara Road, San Giljan, fil-lejl ta’ tad-29 ta’ Gunju, 2009 ghall-habta tal-11.30 ta’ fil-ghaxija:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Arthur Nolan ta' nazzjonalita' Irlandiza liema griehi gew iccertifikati mit-Tabib Dr Miriam Camilleri MD mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan ai termini ta' l-Artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Colm Nolan ta' nazzjonalita' Irlandiza, kif gie ccertifikat mit-Tabib Dr Miriam Camilleri MD mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(mm) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu;

Aktar tard fil-mori tal-proceduri rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (folio 46) u cioe':
L-Artikoli 214, 216, 221, 338(m), 338(r), 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(1), 383, 384, 386, 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll il-kunsens ta' l-imputat ghal proceduri sommarji (seduta 18.07.2008) wara li nqraw l-Artikoli;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet id-debita trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhieda primarji kontra l-imputat huma l-passiggieri klijenti ta' l-imputat fit-taxi tieghu. Dawn xehdu li l-imputat ipprova jisraqhom Lira (Lm1.00) minn fuq in-noll li kienu ftehmu bejniethom. Xehdu kollha li kien l-imputat li nfligga l-griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Arthur Nolan, vide dokument MC 1 folio 7, gravi per durata,

sfregju fil-wicc, kif ukoll griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Colm Nolan, ara certifikat mediku ezebit bhala Dok MC folio 6.

In kontradizzjoni diretta ghal din ix-xhieda ttellghu jixhdu in difesa Judy Catania u Alex Zammit. Dawn it-tnejn xehdu li raw l-incident in dezamina. Judy Catania rat tliet passiggieri hergin mit-taxi ta’ Jonathan, l-imputat, u rathom li qabdu jaghtuh. Qalet illi rat tgegwigija ta’ nies li minn naha taghhom qabdu jaghtu lil dawn it-tlieta minn nies. Qalet illi rat nies hergin mill-vettura li bdew jilletikaw. Mistoqsija jekk ratx lil Jonathan Cassar l-imputat, jaqbad minn ghonqu wiehed minn dawk mill-vettura, wiegbet illi tgegwigija bdiet tara. Xehdet illi ma kinitx taf, ghax ma ratx, lill-imputat jaqbad lil xi hadd minn ghonqu.

Minn naha tieghu Alex Zammit xehed illi ra raxi jieqaf, minnha nizlu zewg jew tliet passiggieri, sema’ ghajjat u argumenti max-xufier u xehed illi milli seta’ jifhem hebbew ghax-xufier u x-xufier spicca ma’ l-art jaqla’ bis-sieq. Ghamel referenza ghall-imputat bhala x-xufier in kwistjoni. Tkellem ukoll fuq konfuzjoni shiha.

Ikkunsidrat:

Illi certament il-provi prodotti huma ghal kollox kontradittorji - dan nonostante li t-tliet xhieda barranin kienu ferm kategorici fl-involviment ta’ l-imputat u li kien hu li kien kagun tal-griehi sofferti. Dan nonostante ghall-fatt illi kollha xehdu li sofrew aktar aggrediment minn terzi ohra li gew ghal assistenza ta’ l-imputat. Minn naha tieghu l-imputat, li skondtu (ara stqarrija u xhieda tieghu) qal li kien hu li gie aggredit mill-passiggiera, nonostante tali aggressjoni ma sofra ebda griehi, Dok FD. Illi nonostante dan premess din il-Qorti thoss illi hemm konflitt ta’ provi, ghaldaqstant tilliberah mil-akkuzi lilu mputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------